

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ana Maria Alves Casas hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 2, 3.1.2022.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' April 2023 – Activa – Grillküche vs EUIPO – Tarġa (Apparat għax-xiwi)**

(Kawża T-757/21) (<sup>1</sup>)

*(“Disinn Komunitarju – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta apparat għax-xiwi – Żvelar tad-disinn preċedenti – Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002”)*

(2023/C 216/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Activa – Grillküche GmbH (Selb, il-Ġermanja) (rappreżentanti: F. Stangl u M. Würth, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Sakalaitė-Orlovskienė u J. Ivanauskas, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Tarġa GmbH (Soest, il-Ġermanja) (rappreżentant: M.-H. Hoffmann, avukat)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Activa – Grillküche GmbH, titlob l-annullament tad-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-4 ta' Ottubru 2021 (Każ R 1651/2020-3)

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Activa – Grillküche GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 37, 24.1.2022.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' April 2023 – Wenz Kunststoff vs EUIPO – Mouldpro (MOULDPRO)**

(Kawża T-794/21) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ revoka – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea MOULDPRO – Użu ġenwin tat-trade mark – Natura tal-użu – Użu għall-prodotti li għalihom it-trade mark hija rreġistrata – Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Aspettattivi leġittimi”)*

(2023/C 216/57)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Wenz Kunststoff GmbH & Co. KG (Lüdenscheid, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Bühling u D. Graetsch, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Raponi u V. Ruzek, aġenti)